Parlament Ewropew
2024-2029

Kumitat għall-Industrija, ir-Riċerka u l-Enerġija

2025/0051(COD)

11.4.2025

EMENDI TA' KOMPROMESS 1 - 27

Abbozz ta' rapport
Borys Budka
(PE772.015v01-00)

Proposta għal regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jemenda r-Regolament (UE) 2017/1938 fir-rigward tar-rwol tal-ħżin tal-gass għall-iżgurar tal-provvisti tal-gass qabel l-istaġun tax-xitwa

Proposta għal regolament
(COM(2025)0099 – C10-0041/2025 – 2025/0051(COD))

Emenda 1
Borys Budka

Emenda ta' kompromess li tissostitwixxi l-Emenda/i: 5-8

Proposta għal regolament
Premessa 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(1) Ir-Regolament (UE) 2022/1032 tal-Parlament u tal-Kunsill[1] ġie adottat b'reazzjoni għall-kriżi tal-provvista tal-gass u għaż-żidiet bla preċedent fil-prezzijiet ikkawżati mill-eskalazzjoni ***tal-aggressjoni*** militari Russa kontra l-Ukrajna minn Frar 2022, li ġiegħlu lill-Unjoni taġixxi b'mod koordinat u komprensiv biex tevita riskji potenzjali li jirriżultaw minn aktar interruzzjonijiet fil-provvista tal-gass.	(1) Ir-Regolament (UE) 2022/1032 tal-Parlament u tal-Kunsill[1] ġie adottat b'reazzjoni għall-kriżi tal-provvista tal-gass u għaż-żidiet bla preċedent fil-prezzijiet ikkawżati mill-eskalazzjoni ***tal-gwerra mhux ġustifikata u mhux provokata ta' aggressjoni*** militari Russa ***li ilha għaddejja*** kontra l-Ukrajna minn Frar 2022, li ġiegħlu lill-Unjoni taġixxi b'mod koordinat u komprensiv biex tevita riskji potenzjali li jirriżultaw minn aktar interruzzjonijiet fil-provvista tal-gass.
[1] Ir-Regolament (UE) 2022/1032 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-29 ta' Ġunju 2022 li jemenda r-Regolamenti (UE) 2017/1938 u (KE) Nru 715/2009 fir-rigward tal-ħżin tal-gass (ĠU L 173, 30.6.2022, p. 17, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2022/1032/oj).	[1] Ir-Regolament (UE) 2022/1032 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-29 ta' Ġunju 2022 li jemenda r-Regolamenti (UE) 2017/1938 u (KE) Nru 715/2009 fir-rigward tal-ħżin tal-gass (ĠU L 173, 30.6.2022, p. 17, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2022/1032/oj).

Or. en

Emenda 2
Borys Budka

Emenda ta' kompromess li tissostitwixxi l-Emenda/i: x

Proposta għal regolament
Premessa 3

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(3) Il-faċilitajiet tal-ħżin tal-gass jipprovdu 30 % tal-konsum tal-gass tal-Unjoni matul ix-xhur tax-xitwa, u l-	(3) Il-faċilitajiet tal-ħżin tal-gass jipprovdu 30 % tal-konsum tal-gass tal-Unjoni matul ix-xhur tax-xitwa, u l-

faċilitajiet ***tal-ħżin tal-gass*** taħt l-art mimlija sew jikkontribwixxu b'mod sostanzjali għas-sigurtà tal-provvista tal-gass billi jipprovdu gass addizzjonali f'każ ta' domanda għolja jew interruzzjonijiet fil-provvista.	faċilitajiet ***ta' ħżin ta' gass*** taħt l-art mimlija sew ***kif ukoll tnaqqis fid-domanda tal-gass*** jikkontribwixxu b'mod sostanzjali għas-sigurtà tal-provvista tal-gass billi jipprovdu gass addizzjonali f'każ ta' domanda għolja jew interruzzjonijiet fil-provvista.

Or. en

Emenda 3
Borys Budka

Emenda ta' kompromess li tissostitwixxi l-Emenda/i: x

Proposta għal regolament
Premessa 4

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(4) L-istabbiliment ta' mira obbligatorja biex jiġi żgurat li l-faċilitajiet tal-ħżin tal-gass ikunu 90 % mimlijin sal-1 ta' Novembru (mira tal-mili), b'sensiela ta' miri intermedji għal kull Stat Membru fi Frar, Mejju, Lulju u Settembru tas-sena ta' wara (trajettorja għall-mili), wera li huwa fundamentali matul il-kriżi tal-enerġija kkawżata ***mill-użu*** tal-provvisti tal-gass ***Russi*** bħala arma ***u l-invażjoni tal-Ukrajna,*** kemm: (i) biex jirreżisti n-nuqqasijiet fil-provvista tal-gass; kif ukoll (ii) għat-tnaqqis tal-inċertezzi tas-suq u tal-volatilità tal-prezzijiet.	(4) L-istabbiliment ta' mira obbligatorja biex jiġi żgurat li l-faċilitajiet tal-ħżin tal-gass ikunu 90 % mimlijin sal-1 ta' Novembru (mira tal-mili), b'sensiela ta' miri intermedji għal kull Stat Membru fi Frar, Mejju, Lulju u Settembru tas-sena ta' wara (trajettorja għall-mili), wera li huwa fundamentali matul il-kriżi tal-enerġija kkawżata ***mill-gwerra ta' aggressjoni tar-Russja kontra l-Ukrajna u l-użu mir-Russja*** tal-provvisti tal-gass ***tagħha*** bħala arma kemm: (i) biex jirreżisti n-nuqqasijiet fil-provvista tal-gass; kif ukoll (ii) għat-tnaqqis tal-inċertezzi tas-suq u tal-volatilità tal-prezzijiet.

Or. en

Emenda 4
Borys Budka

Emenda ta' kompromess li tissostitwixxi l-Emenda/i: x

Proposta għal regolament
Premessa 5

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(5) Minkejja t-titjib sostanzjali tas-sitwazzjoni tas-suq tal-gass meta mqabbel mal-perjodu 2022-2023, is-suq Ewropew tal-gass għadu strett. Kompetizzjoni aktar intensa għall-provvisti globali tal-LNG tista' żżid l-esponiment tal-Istati Membri għall-volatilità tal-prezzijiet. ***L-iżvilupp tal-prezz tal-gass matul ix-xitwa 2024/2025 jista' jikkonferma x-xejra.*** F'sitwazzjoni bħal din, ir-rwol tal-ħażniet tal-gass jibqa' ta' importanza kbira. ***Trajettorji prevedibbli għall-mili jżidu t-trasparenza u jipprevjenu d-distorsjoni tas-suq.***	(5) Minkejja t-titjib sostanzjali tas-sitwazzjoni tas-suq tal-gass meta mqabbel mal-perjodu 2022-2023, is-suq Ewropew tal-gass għadu strett ***u s-sitwazzjoni ġeopolitika għadha mhijiex ċara***. Kompetizzjoni aktar intensa għall-provvisti globali tal-LNG tista' żżid l-esponiment tal-Istati Membri għall-volatilità tal-prezzijiet. F'sitwazzjoni bħal din, ir-rwol tal-ħażniet tal-gass jibqa' ta' importanza kbira.

Or. en

Emenda 5
Borys Budka

Emenda ta' kompromess li tissostitwixxi l-Emenda/i: x

Proposta għal regolament
Premessa 6a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(6a) Sa mill-2022, l-Unjoni rnexxielha b'mod sostanzjali tagħmel il-provvisti tal-gass aktar siguri billi żiedet l-importazzjonijiet tal-LNG minn sħab globali affidabbli u qed timmira li telimina totalment id-dipendenza tal-Unjoni fuq il-fjuwils fossili Russi, filwaqt li tibni fuq il-progress tar-REPowerEU. L-Unjoni żviluppat faċilitajiet ta' rigassifikazzjoni u terminals tal-portijiet ġodda, filwaqt li stabbiliet ukoll suq tal-gass likwidu li jiżgura reżiljenza qawwija kontra interruzzjonijiet potenzjali fil-provvisti tal-pipelines Russi li fadal.

Or. en

Emenda 6
Borys Budka

Emenda ta' kompromess li tissostitwixxi l-Emenda/i: x

Proposta għal regolament
Premessa 6b (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(6b) L-ambjent politiku globali mibdul irid jitqies fir-rigward tal-affidabbiltà tal-fornituri tal-gass u tal-pajjiżi li jfornu l-gass.

Or. en

Emenda 7
Borys Budka

Emenda ta' kompromess li tissostitwixxi l-Emenda/i: x

Proposta għal regolament
Premessa 7

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(7) ***Fl-istess ħin***, il-qafas ġenerali biex ***tintlaħaq din il-mira tal-1 ta' Novembru*** jrid ikun flessibbli biżżejjed matul l-istaġun tal-mili biex jippermetti reazzjoni rapida għall-kundizzjonijiet tas-suq li jinbidlu b'mod kostanti u b'mod partikolari biex jittieħed vantaġġ mill-aħjar kundizzjonijiet tax-xiri.	(7) ***Fid-dawl tas-suċċess Ewropew fit-tneħħija tar-riskju marbut mal-istruttura tal-importazzjoni tal-gass tagħha***, il-qafas ġenerali biex ***tiġi ssodisfata l-ħtieġa tal-Unjoni għall-gass naturali*** jrid ***isib bilanċ bejn is-sigurtà tal-enerġija u r-ritorn għall-prinċipji bbażati fuq is-suq. Għaldaqstant, irid*** ikun flessibbli biżżejjed matul l-istaġun tal-mili biex jippermetti reazzjoni rapida għall-kundizzjonijiet tas-suq li jinbidlu b'mod kostanti u b'mod partikolari biex jittieħed vantaġġ mill-aħjar kundizzjonijiet tax-xiri ***sabiex jitbaxxew il-prezzijiet tal-gass fl-Ewropa. Għalhekk qed jiġi propost li l-mira tal-mili titnaqqas għal 83 %.***

Or. en

Emenda 8
Borys Budka

Emenda ta' kompromess li tissostitwixxi l-Emenda/i: x

Proposta għal regolament
Premessa 8

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(8) ***L-għan tal-miri intermedji għall-mili, maqbula kull sena mill-Istati Membri***, huwa li ***jiġi żgurat*** li ***tintlaħaq il-mira obbligatorja għall-1 ta' Novembru. Madankollu***, ***dawn il-miri huma indikattivi*** u jenħtieġ li jippermettu ***mili tal-ħżin*** b'tali mod li jkun hemm flessibbiltà suffiċjenti disponibbli għall-parteċipanti fis-suq matul is-sena ***f'konformità mar-Rakkomandazzjoni XXX***.	(8) ***Sabiex tissaħħaħ l-istabbiltà tas-suq u jiġi mmitigat ir-riskju ta' volatilità indebita tal-prezzijiet potenzjalment ikkawżata minn miri intermedji tal-mili***, huwa ***xieraq*** li ***tiġi pprovduta flessibbiltà akbar għall-mili tal-ħażniet. Għalhekk, jenħtieġ*** li ***l-Istati Membri jipprovdu pjanijiet indikattivi għall-mili fuq bażi annwali li jistgħu jinkludu***, ***meta xieraq, trajettorja indikattiva għall-mili*** u jenħtieġ li jippermettu ***l-mili tal-ħażniet*** b'tali mod li jkun hemm flessibbiltà suffiċjenti disponibbli għall-parteċipanti fis-suq matul is-sena ***kollha, filwaqt li titqies ir-Rakkomandazzjoni (2025)1481***.

Or. en

Emenda 9
Borys Budka

Emenda ta' kompromess li tissostitwixxi l-Emenda/i: x

Proposta għal regolament
Premessa 8a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(8a) Jenħtieġ li l-Istati Membri jkollhom il-possibbiltà li jiddevjaw sa massimu ta' erba' punti perċentwali mill-mira tal-mili fil-każ ta' kundizzjonijiet tas-suq sfavorevoli, relatati, fost l-oħrajn, ma' fatturi bħall-provvista u d-domanda u l-kompetizzjoni, jew ta' attivitajiet ta'

negozjar li jfixklu l-mili kosteffettiv tal-ħażniet, li jillimitaw b'mod sinifikanti l-kapaċità li jiġi żgurat li l-ħażniet tal-gass jimtlew f'konformità ma' dan ir-Regolament.

Or. en

Emenda 10
Borys Budka

Emenda ta' kompromess li tissostitwixxi l-Emenda/i: x

Proposta għal regolament
Premessa 8b (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(8b) Barra minn hekk, jenħtieġ li l-Kummissjoni tingħata s-setgħa li tadotta atti delegati biex temenda għal staġun wieħed tal-mili l-livell tad-devjazzjoni permessa ta' erba' punti perċentwali billi żżidha sa massimu ta' erba' punti perċentwali addizzjonali, fil-każ ta' kundizzjonijiet tas-suq sfavorevoli persistenti.

Or. en

Emenda 11
Borys Budka

Emenda ta' kompromess li tissostitwixxi l-Emenda/i: x

Proposta għal regolament
Premessa 8c (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(8c) L-effetti kumulattivi tal-flessibbiltajiet u tad-derogi f'dan ir-Regolament jenħtieġ li ma jnaqqsux l-obbligi ġenerali tal-mili tal-ħażniet taħt il-

75 %.

Or. en

Emenda 12
Borys Budka

Emenda ta' kompromess li tissostitwixxi l-Emenda/i: x

Proposta għal regolament
Premessa 9

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(9) Il-valutazzjoni tal-Kummissjoni tal-qafas attwali tas-sigurtà tal-enerġija kkonfermat l-impatt pożittiv tar-rekwiżiti tal-mili tal-ħażniet fuq is-sigurtà tal-provvista tal-gass u jenħtieġ li dawk l-effetti pożittivi jiġu ppreservati wara l-2025.	(9) Il-valutazzjoni tal-Kummissjoni tal-qafas attwali tas-sigurtà tal-enerġija kkonfermat l-impatt pożittiv tar-rekwiżiti tal-mili tal-ħażniet fuq is-sigurtà tal-provvista tal-gass u jenħtieġ li dawk l-effetti pożittivi jiġu ppreservati wara l-2025. ***L-estensjoni ta' dawn il-miżuri mhux biss tikkontribwixxi għas-salvagwardja kontinwa tas-sigurtà tal-provvista, iżda tikkostitwixxi wkoll strument ewlieni fl-isforzi tal-Unjoni biex telimina d-dipendenza tagħha fuq l-importazzjonijiet tal-gass Russu.***

Or. en

Emenda 13
Borys Budka

Emenda ta' kompromess li tissostitwixxi l-Emenda/i: x

Proposta għal regolament
Premessa 9a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(9a) Fl-istess ħin dan ir-Regolament jenħtieġ li jwieġeb għall-bidliet attwali u futuri fis-swieq tal-gass naturali u jikkontribwixxi għall-objettiv strateġiku li jitbaxxew il-prezzijiet tal-enerġija u

jiffaċilita r-ritorn gradwali lejn mekkaniżmi bbażati fuq is-suq għall-mili mill-ġdid tal-ħażniet.

Or. en

Emenda 14
Borys Budka

Emenda ta' kompromess li tissostitwixxi l-Emenda/i: x

Proposta għal regolament
Premessa 9b (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(9b) Sabiex tinżamm is-sigurtà tal-provvista u l-livell xieraq ta' mili, jenħtieġ li l-Kummissjoni timmonitorja kontinwament is-suq u tesplora modi li jistgħu jgħinu biex tintlaħaq il-mira tal-mili, pereżempju bl-użu ta' mekkaniżmi ta' aggregazzjoni tad-domanda u xiri konġunt.

Or. en

Emenda 15
Borys Budka

Emenda ta' kompromess li tissostitwixxi l-Emenda/i: x

Proposta għal regolament
Premessa 10

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(10) Għalhekk, huwa meħtieġ li jiġu estiżi b'sentejn id-dispożizzjonijiet rilevanti dwar il-mili tal-ħżin tal-gass li jipprovdu prevedibbiltà u trasparenza fir-rigward tal-użu tal-faċilitajiet tal-ħżin tal-gass madwar l-Unjoni.	(10) Għalhekk, huwa meħtieġ li jiġu estiżi b'sentejn id-dispożizzjonijiet rilevanti dwar il-mili tal-ħżin tal-gass li jipprovdu prevedibbiltà u trasparenza fir-rigward tal-użu tal-faċilitajiet tal-ħżin tal-gass madwar l-Unjoni ***filwaqt li fl-istess ħin tiġi introdotta ftit flessibbiltà f'dan ir-***

Regolament.

Or. en

Emenda 16
Borys Budka

Emenda ta' kompromess li tissostitwixxi l-Emenda/i: x

Proposta għal regolament
Premessa 10a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(10a) F'konformità mal-impenn tal-Kummissjoni għal regolamentazzjoni aħjar u simplifikazzjoni, u b'riflessjoni tat-titjib ġenerali fil-qafas tas-sigurtà tal-enerġija tal-Unjoni, il-monitoraġġ tal-konformità ma' dan ir-Regolament jenħtieġ li jpoġġi fiduċja akbar fil-kapaċitajiet amministrattivi tal-Istati Membri. Il-piż superviżorju fuq il-Kummissjoni jenħtieġ li jitnaqqas skont dan, bi tranżizzjoni lejn obbligi ta' rapportar eħfef u proċeduri simplifikati. Dan l-approċċ isaħħaħ il-prinċipju tas-sussidjarjetà, jevita kumplessità amministrattiva bla bżonn, u huwa konsistenti mal-isforzi ta' simplifikazzjoni tal-Kummissjoni kif deskritti fil-Programm ta' Ħidma tagħha għall-2025.

Or. en

Emenda 17
Borys Budka

Emenda ta' kompromess li tissostitwixxi l-Emenda/i: x

Proposta għal regolament
Premessa 10b (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(10b) Ir-Regolament (UE) 2017/1938 jenħtieġ li jiġi rivedut mill-Kummissjoni fi żmien debitu u qabel l-2027 biex jiġi adattat għax-xenarju tal-enerġija li qed jevolvi u biex jirrifletti l-ħtiġijiet futuri għall-ħżin tal-gass. Fost kwistjonijiet oħra, kwalunkwe emenda jenħtieġ li tindirizza l-limitazzjonijiet tad-definizzjoni attwali ta' "klijenti protetti", il-prevenzjoni tal-ispekulazzjoni fuq is-swieq tal-gass u l-attivitajiet spekulattivi li jgħollu l-prezzijiet b'mod artifiċjali, ir-rwol tal-miżuri tal-effiċjenza enerġetika li jwasslu għal tnaqqis verifikabbli tad-domanda għall-gass u kif dan jista' jintuża għal aktar flessibbiltajiet mill-Istati Membri, u tqis il-qafas fil-kuntest ta' taħlita tal-enerġija li qed tevolvi ta' sorsi alternattivi għall-gass, bħas-sorsi tal-enerġija rinnovabbli u l-idroġenu, li se jkollha rwol akbar flimkien mar-rwol tal-effiċjenza enerġetika.

Or. en

Emenda 18
Borys Budka

Emenda ta' kompromess li tissostitwixxi l-Emenda/i: x

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – parti introduttorja

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Fl-Artikolu 22 tar-Regolament (UE) 2017/1938***, ir-raba' paragrafu*** huwa ***sostitwit b'dan li*** ġej:	***Ir-Regolament*** (UE) 2017/1938 huwa ***emendat kif*** ġej:

Or. en

Emenda 19
Borys Budka

Emenda ta' kompromess li tissostitwixxi l-Emenda/i: x

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1
Artikolu 2 – punt 27
Regolament (UE) 2017/1938

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(1) fl-Artikolu 2, il-punt 27 jitħassar;
(27) "trajettorja għall-mili" tfisser serje ta' miri intermedji għall-faċilitajiet tal-ħżin tal-gass taħt l-art ta' kull Stat Membru, kif elenkati fl-Anness Ia għall-2022 u, għas-snin ta' wara, stabbiliti f'konformità mal-Artikolu 6a;	***imħassar***

Or. en

Emenda 20
Borys Budka

Emenda ta' kompromess li tissostitwixxi l-Emenda/i: x

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1
Artikolu 6a
Regolament (UE) 2017/1938

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(2) L-Artikolu 6a huwa sostitwit b'dan li ġej:
Artikolu 6a	Artikolu 6a
Miri tal-mili ***u trajettorji għall-mili***	***Mira*** tal-mili
1. Soġġett għall-paragrafi 2 sa 5, l-Istati Membri għandhom jilħqu l-mira tal-mili ***li ġejjin*** għall-kapaċità aggregata tal-faċilitajiet kollha ***tal-ħżin tal-gass*** taħt l-art li jinsabu ***fit-territorju*** tagħhom u li huma interkonnessi direttament ma' żona tas-suq fit-territorju tagħhom u għall-faċilitajiet ***ta' ħżin*** elenkati fl-Anness 1b ***sal-***1 ta'	1. Soġġett għall-paragrafi 2 sa 5, l-Istati Membri għandhom jilħqu l-mira tal-mili ***ta' 83 %*** għall-kapaċità aggregata tal-faċilitajiet kollha ***ta' ħżin ta' gass*** taħt l-art li jinsabu ***fuq it-territorju*** tagħhom u li huma interkonnessi direttament ma' żona tas-suq fit-territorju tagħhom u għall-faċilitajiet ***tal-ħżin*** elenkati fl-Anness 1b ***fi***

Novembru ta’ kull sena***:***	***kwalunkwe żmien bejn l-***1 ta’ ***Ottubru u l-1*** ta’ ***Diċembru*** kull sena***.***
(a) għall-2022: 80 %;	***imħassar***
(b) mill-2023: 90 %;	***imħassar***
Għall-finijiet ta’ konformità ma’ dan il-paragrafu, l-Istati Membri għandhom iqisu l-objettiv li jissalvagwardaw is-sigurtà tal-provvista tal-gass fl-Unjoni f’konformità mal-Artikolu 1.	Għall-finijiet ta’ konformità ma’ dan il-paragrafu, l-Istati Membri għandhom iqisu l-objettiv li jissalvagwardaw is-sigurtà tal-provvista tal-gass fl-Unjoni f’konformità mal-Artikolu 1.
2. Minkejja l-paragrafu 1 u mingħajr preġudizzju għall-obbligi ta’ Stati Membri oħra li jimlew il-faċilitajiet ***tal-ħżin tal-gass*** taħt l-art ikkonċernati, il-mira tal-mili għal kull Stat Membru li fih ikunu jinsabu l-faċilitajiet ***tal-ħżin tal-gass*** taħt l-art għandha titnaqqas għal volum li jikkorrispondi għal ***35*** % tal-konsum annwali medju tal-gass matul il-ħames snin preċedenti għal dak l-Istat Membru.	2. Minkejja l-paragrafu 1 u mingħajr preġudizzju għall-obbligi ta’ Stati Membri oħra li jimlew il-faċilitajiet ***ta’ ħżin ta’ gass*** taħt l-art ikkonċernati, il-mira tal-mili għal kull Stat Membru li fih ikunu jinsabu l-faċilitajiet ***ta’ ħżin ta’ gass*** taħt l-art għandha titnaqqas għal volum li jikkorrispondi għal ***32,28*** % tal-konsum annwali medju tal-gass matul il-ħames snin preċedenti għal dak l-Istat Membru.
3. Minkejja l-paragrafu 1 u mingħajr preġudizzju għall-obbligi ta’ Stati Membri oħra li jimlew il-faċilitajiet ***tal-ħżin tal-gass*** taħt l-art ikkonċernati, il-mira tal-mili għal kull Stat Membru li fih ikunu jinsabu l-faċilitajiet ***tal-ħżin tal-gass*** taħt l-art għandha titnaqqas bil-volum li kien fornut lil pajjiżi terzi ***ta’*** matul il-perjodu ta’ referenza 2016 ***sa*** 2021 jekk il-volum medju fornut kien aktar minn 15 TWh fis-sena matul il-perjodu tal-irtirar mill-ħażna tal-gass (Ottubru **-** April).	3. Minkejja l-paragrafu 1 u mingħajr preġudizzju għall-obbligi ta’ Stati Membri oħra li jimlew il-faċilitajiet ***ta’ ħżin ta’ gass*** taħt l-art ikkonċernati, il-mira tal-mili għal kull Stat Membru li fih ikunu jinsabu l-faċilitajiet ***ta’ ħżin ta’ gass*** taħt l-art għandha titnaqqas bil-volum li kien fornut lil pajjiżi terzi matul il-perjodu ta’ referenza ***mill-***2016 ***sal-***2021 jekk il-volum medju fornut kien aktar minn 15 TWh fis-sena matul il-perjodu tal-irtirar mill-ħażna tal-gass (Ottubru – April).
4. Għall-faċilitajiet ***tal-ħżin tal-gass*** taħt l-art elenkati fl-Anness Ib, għandhom japplikaw il-miri tal-mili skont il-paragrafu ***i*** u t-trajettorji għall-mili skont il-paragrafu 7. Id-dettalji tal-obbligi ta’ kull Stat Membru ***ser*** jiġu ddeterminati fi ftehim bilaterali f’konformità mal-Anness Ib.	4. Għall-faċilitajiet ***ta’ ħżin ta’ gass*** taħt l-art elenkati fl-Anness Ib, għandhom japplikaw il-miri tal-mili skont il-paragrafu ***1*** u t-trajettorji għall-mili skont il-paragrafu 7. Id-dettalji tal-obbligi ta’ kull Stat Membru ***se*** jiġu ddeterminati fi ftehim bilaterali f’konformità mal-Anness Ib.
5. Stat Membru jista’ jilħaq parzjalment il-mira tal-mili billi jgħodd l-LNG maħżun fiżikament u li jkun disponibbli fil-faċilitajiet tal-LNG tiegħu jekk jiġu ssodisfati ż-żewġ ***kondizzjonijiet*** li ġejjin:	5. Stat Membru jista’ jilħaq parzjalment il-mira tal-mili billi jgħodd l-LNG maħżun fiżikament u li jkun disponibbli fil-faċilitajiet tal-LNG tiegħu jekk jiġu ssodisfati ż-żewġ ***kundizzjonijiet*** li ġejjin:
(a) is-sistema tal-gass tinkludi kapaċità sinifikanti ta’ ħżin tal-LNG, li kull sena	(a) is-sistema tal-gass tinkludi kapaċità sinifikanti ta’ ħżin tal-LNG, li kull sena

tammonta għal aktar minn 4 % tal-konsum nazzjonali medju matul ***il- ħames*** snin preċedenti;	tammonta għal aktar minn 4 % tal-konsum nazzjonali medju matul ***il-ħames*** snin preċedenti;
(b) l-Istat Membru jkun impona obbligu fuq il-forniturі tal-gass biex jaħżnu volumi minimi ta' gass f'faċilitajiet ta' ħżin ***tal-gass*** taħt l-art u/jew f'faċilitajiet ***LNG*** f'konformità mal-Artikolu 6b(1), il-punt (a).	(b) l-Istat Membru jkun impona obbligu fuq il-forniturі tal-gass biex jaħżnu volumi minimi ta' gass f'faċilitajiet ta' ħżin ***ta' gass*** taħt l-art u/jew f'faċilitajiet ***tal-LNG*** f'konformità mal-Artikolu 6b(1), il-punt (a).
	5a. Minkejja l-paragrafu 1 u mingħajr preġudizzju għall-obbligu ta' Stati Membri oħra li jimlew il-faċilitajiet ta' ħżin ta' gass taħt l-art ikkonċernati, l-Istati Membri jistgħu jiddeċiedu li jiddevjaw sa massimu ta' erba' punti perċentwali, mill-mira tal-mili stabbilita fil-paragrafu 1 għal kull Stat Membru jekk il-kundizzjonijiet tas-suq ikunu sfavorevoli għall-mili tal-faċilitajiet ta' ħżin ta' gass taħt l-art.
	5b. F'każijiet debitament ġustifikati ta' kundizzjonijiet tas-suq sfavorevoli persistenti, u dment li l-provvista tas-sigurtà tal-Unjoni u tal-Istati Membri ma tiġix kompromessa, il-Kummissjoni għandha s-setgħa li tadotta atti delegati f'konformità mal-Artikolu 19 biex temenda dan ir-Regolament billi żżid id-devjazzjoni permessa għall-Istati Membri, kif stabbilit fil-paragrafu 5a sa massimu ta' 4 punti perċentwali.
	Fil-valutazzjoni tagħha, il-Kummissjoni għandha tqis b'mod partikolari l-livell tal-mili tal-ħażniet fl-Istati Membri, il-provvista globali tal-gass, il-prospettiva tal-provvista staġjonali tal-ENTSOG, u l-indikazzjonijiet ta' manipulazzjoni tas-suq. Tista' tqis ukoll il-miżuri tal-Istati Membri, bħall-introduzzjoni għall-gass ta' miżuri għat-tnaqqis tad-domanda tal-gass li jiksbu tnaqqis ekwivalenti fil-gass matul l-istaġun tal-irtirar ta' wara.
	5c. L-Istati Membri msemmija fil-paragrafu 2 jistgħu taħt l-istess kundizzjonijiet bħal dawk previsti fil-paragrafu 5a jiddeċiedu li jiddevjaw sa massimu ta' 1,55 % taħt il-volum stabbilit

	fil-paragrafu 2.
	5d. Qabel ma juża kwalunkwe devjazzjoni minn dawk previsti fil-paragrafi 5a u 5c, kull Stat Membru għandu jikkonsulta lill-Kummissjoni u jipprovdi mingħajr dewmien żejjed ġustifikazzjoni għad-deċiżjoni tiegħu. Il-Kummissjoni għandha tinforma minnufih lill-Grupp ta' Koordinazzjoni dwar il-Gass rigward l-effetti kumulattivi tad-devjazzjonijiet kollha skont il-paragrafi 5a u 5c u kwalunkwe Stat Membru affettwat direttament.
6. L-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri meħtieġa ***biex jilħqu –l-miri intermedji jew jiżguraw li huma jintlaħqu kif ġej:***	***6. Sabiex tintlaħaq il-mira tal-mili,*** l-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri ***kollha*** meħtieġa ***u jagħmlu ħilithom biex isegwu l-pjan għall-mili definit f'konformità mal-paragrafu 7a.***
(a) għall-2022: kif stabbiliti fl-Anness Ia u, u	***imħassar***
(b) mill-2023: f'konformità mal-paragrafu 7.	***imħassar***
7. Għall-2023 u għas-snin ta' ***wara, kull Stat Membru b'faċilitajiet tal-ħżin tal-gass taħt l-art għandu jibgħat lill-Kummissjoni, sal-15 ta' Settembru tas-sena ta' qabel, abbozz ta' trajettorja għall-mili b'miri intermedji għall-Frar, Mejju, Lulju u Settembru, inkluż*** informazzjoni teknika***,*** għall-faċilitajiet ***tal-ħżin tal-gass*** taħt l-art ***fit-territorju*** tiegħu u ***li jkunu interkonnessi*** direttament maż-żona tas-suq tiegħu f'forma aggregata. ***It-trajettorja għall-mili u l-miri intermedji għandhom ikunu bbażati fuq ir-rata medja tal-mili matul il-ħames snin preċedenti. Għall-Istati Membri li għalihom l-mira tal-mili titnaqqas għal 35 % tal-konsum annwali medju tagħhom ta' gass skont il-paragrafu 2, il-miri intermedji tat-trajettorja għall-mili għandhom jitnaqqsu skont dan.***	***7. L-Istati Membri b'faċilitajiet*** ta' ***ħżin ta' gass taħt l-art għandhom jibagħtu lill-Kummissjoni fi żmien debitu pjan indikattiv għall-mili għas-sena kalendarja kollha biex tintlaħaq il-mira annwali tal-mili tal-ħażniet tal-gass stabbilita fil-paragrafu 1. Il-pjan għandu jinkludi*** informazzjoni teknika għall-faċilitajiet ***ta' ħżin ta' gass*** taħt l-art ***fuq it-territorju*** tiegħu u ***għandu jkun interkonness*** direttament maż-żona tas-suq tiegħu f'forma aggregata.
	imħassar
Abbażi tal-informazzjoni teknika pprovduta minn kull Stat Membru u b'kont meħud tal-valutazzjoni tal-GCG, il-Kummissjoni għandha tadotta atti ta' implimentazzjoni li jistabbilixxu t-	***imħassar***

trajettorja għall-mili għal kull Stat Membru. Dawk l-atti ta' implimentazzjoni għandhom jiġu adottati f'konformità mal-proċedura ta' eżami msemmija fl-Artikolu 18a(2). Huma għandhom jiġu adottati sal-15 ta' Novembru tas-sena preċedenti, fejn meħtieġ u inkluż meta Stat Membru jkun ippreżenta abbozz ta' trajettorja aġġornata għall-mili. Huma għandhom ikunu bbażati fuq valutazzjoni tas-sigurtà ġenerali tas-sitwazzjoni tal-provvista tal-gass u fuq l-iżvilupp tad-domanda u l-provvista tal-gass fl-Unjoni u fl-Istati Membri individwali, u stabbiliti b'mod li jissalvagwardja s-sigurtà tal-provvista tal-gass, filwaqt li jiġu evitati piżijiet bla bżonn fuq l-Istati Membri, il-parteċipanti fis-suq tal-gass, l-operaturi tas-sistemi ta' ħżin jew il-klijenti u ma jwasslux għal distorsjoni bla bżonn tal-kompetizzjoni bejn il-faċilitajiet ta' ħżin li jinsabu fi Stati Membri viċini.

8. Meta, fi kwalunkwe sena partikolari, Stat Membru ma jkunx jista' jilħaq il-mira tiegħu tal-mili sal-1 ta' Novembru minħabba l-karatteristiċi tekniċi speċifiċi ta' faċilità tal-ħżin tal-gass taħt l-art waħda jew aktar fit-territorju tiegħu, bħal rati ta' injezzjoni eċċezzjonalment baxxi huwa għandu jitħalla jilħaqha sal-1 ta' Diċembru. L-Istat Membru għandu jinforma lill-Kummissjoni sal-1 ta' Novembru, filwaqt li jagħti r-raġunijiet għad-dewmien.

imħassar

9. Il-mira tal-mili ma għandhiex tapplika fejn, u sakemm, il-Kummissjoni tkun iddikjarat emerġenza reġjonali jew tal-Unjoni skont l-Artikolu 12 fuq talba, skont il-każ, ta' Stat Membru wieħed jew aktar li jkunu ddikjaraw emerġenza nazzjonali.

9. Il-mira tal-mili ma għandhiex tapplika fejn, u sakemm, il-Kummissjoni tkun iddikjarat emerġenza reġjonali jew tal-Unjoni skont l-Artikolu 12 fuq talba, skont il-każ, ta' Stat Membru wieħed jew aktar li jkunu ddikjaraw emerġenza nazzjonali.

10. L-awtorità kompetenti ta' kull Stat Membru għandha timmonitorja kontinwament il-konformità ***mat-trajettorja*** għall-mili u għandha tirrapporta regolarment ***lill-GCG. Jekk il-livell tal-mili ta' Stat Membru partikolari jkun aktar minn ħames punti perċentwali taħt il-livell tat-trajettorja għall-mili***, l-awtorità

10. L-awtorità kompetenti ta' kull Stat Membru għandha timmonitorja kontinwament il-konformità ***mal-mira tal-mili kif stabbilita fil-pjan*** għall-mili u għandha tirrapporta regolarment ***u tal-anqas darba fix-xahar lill-Kummissjoni u lill-GCG. Jekk ikun previst li l-mira ma tistax tintlaħaq***, l-awtorità kompetenti

kompetenti għandha tieħu miżuri effettivi ***mingħajr dewmien biex iżżidu***. L-Istati Membri għandhom jinfurmaw lill-Kummissjoni u ***lill- GCG*** bil-miżuri li jkunu ttieħdu.	għandha***, mingħajr dewmien,*** tieħu miżuri effettivi ***biex tilħaq il-mira***. L-Istati Membri għandhom jinfurmaw lill-Kummissjoni u ***lill-GCG*** bil-miżuri li jkunu ttieħdu.
11. ***F'każ*** ta' devjazzjoni sostanzjali u sostnuta minn Stat Membru ***mit-trajettorja*** għall-mili, li tikkompromett***i l-laqgħa*** tal-mira tal-mili***,*** jew ***f'każ*** ta' devjazzjoni mill-mira tal-mili, il-Kummissjoni għandha, wara li tikkonsulta ***l-GCG*** u ***l-Istati*** Membri kkonċernati, toħroġ rakkomandazzjoni lil dak l-Istat Membru jew lill-Istati Membri l-oħra kkonċernati rigward ***il-miżuri*** li ***għandhom*** jittieħdu immedjatament.	11. ***Fil-każ*** ta' devjazzjoni sostanzjali u sostnuta minn Stat Membru ***mill-pjan*** għall-mili, li tikkompromett***i l-ilħuq*** tal-mira tal-mili jew ***fil-każ*** ta' devjazzjoni mill-mira tal-mili, il-Kummissjoni għandha, ***meta xieraq,*** wara li tikkonsulta ***lill-GCG*** u ***lill-Istati*** Membri kkonċernati, toħroġ rakkomandazzjoni lil dak l-Istat Membru jew lill-Istati Membri l-oħra kkonċernati rigward ***miżuri*** li ***jridu*** jittieħdu immedjatament ***biex tiġi rimedjata d-devjazzjoni jew biex jiġi minimizzat l-impatt fuq is-sigurtà tal-provvista, filwaqt li tqis, fost l-oħrajn, il-kundizzjonijiet sfavorevoli possibbli tas-suq u l-ispeċifiċitajiet tal-Istati Membri, bħall-karatteristiċi tekniċi u d-daqs tal-faċilitajiet ta' ħżin ta' gass taħt l-art fir-rigward tal-konsum domestiku tal-gass, l-importanza dejjem tonqos tal-faċilitajiet ta' ħżin ta' gass b'valur kalorifiku baxx taħt l-art għas-sigurtà tal-provvista tal-gass, u l-kapaċità eżistenti ta' ħżin tal-LNG***.
Fejn id-devjazzjoni ma titnaqqasx b'mod sinifikanti fi żmien xahar minn meta tkun waslet ir-rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni, wara li tkun ikkonsultat mal-GCG u mal-Istat Membru konċernat, il-Kummissjoni għandha tieħu deċiżjoni bħala miżura tal-aħħar istanza biex teżiġi li l-Istat Membru kkonċernat jieħu miżuri li effettivament ikunu ta' rimedju għad-diskrepanza, inkluż fejn xieraq miżura waħda jew aktar minn dawk previsti fl-Artikolu 6b(1), jew kwalunkwe miżura oħra biex jiġi żgurat li l-mira obbligatorja tal-mili skont dan l-Artikolu tintlaħaq.	***imħassar***
Meta tiddeċiedi liema miżuri għandha tieħu skont it-tieni subparagrafu, il-Kummissjoni għandha tqis is-sitwazzjoni speċifika tal- Istati Membri kkonċernati,	***imħassar***

bħad-daqs tal-faċilitajiet tal-ħżin tal-gass taħt l-art fir-rigward tal-konsum domestiku tal-gass, l-importanza tal-faċilitajiet tal-ħżin tal-gass taħt l-art għas-sigurtà tal-provvista tal-gass fir-reġjun u kwalunkwe faċilità eżistenti għall-ħżin tal-LNG.		
Kwalunkwe miżura meħuda mill-Kummissjoni biex tindirizza devjazzjonijiet mit-trajettorja għall-mili jew mill-mira tal-mili għall- 2022 għandha tqis il-perjodu ta' żmien qasir għall-implimentazzjoni ta' dan l-Artikolu fil-livell nazzjonali li seta' kkontribwixxa għad-devjazzjoni mit-trajettorja għall-mili jew mill-mira tal-mili għall-2022.	***imħassar***	
Il-Kummissjoni għandha tiżgura li l-miżuri meħuda skont dan il-paragrafu:	***imħassar***	
(a) ma jmorrux lil hinn minn dak li huwa meħtieġ għas-salvagwardja tas-sigurtà tal-provvista tal-gass,	***imħassar***	
(b) ma jqiegħdux piż sproporzjonat fuq l-Istati Membri, il-parteċipanti fis-suq tal-gass, l-operaturi tas-sistemi tal-ħżin jew il-klijenti.	***imħassar***	
	11a. Meta l-mira tal-mili ta' Stat Membru ma tkunx intlaħqet u dan jipperikola s-sigurtà tal-provvista tal-Unjoni, il-Kummissjoni għandha tadotta att ta' implimentazzjoni li jistabbilixxi pjan għall-mili għal dak l-Istat Membru għas-sena ta' wara, abbażi tal-informazzjoni teknika pprovduta minn kull Stat Membru u b'kont meħud tal-valutazzjoni tal-GCG. Dak l-att ta' implimentazzjoni għandu jiġi adottat f'konformità mal-proċedura ta' eżami msemmija fl-Artikolu 18a(2). Dawn għandhom ikunu bbażati fuq valutazzjoni tas-sitwazzjoni ġenerali tas-sigurtà tal-provvista tal-gass u l-iżvilupp tad-domanda u tal-provvista tal-gass fl-Unjoni u fl-Istati Membri individwali bl-għan li tiġi ssalvagwardjata s-sigurtà tal-provvista tal-gass.	

Or. en

Emenda 21
Borys Budka

Emenda ta' kompromess li tissostitwixxi l-Emenda/i: x

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1
Artikolu 6b
Regolament (UE) 2017/1938

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(3) L-Artikolu 6b huwa sostitwit b'dan li ġej:
Artikolu 6b	Artikolu 6b
Implimentazzjoni ***tal-miri*** tal-mili	Implimentazzjoni ***tal-mira*** tal-mili
1. L-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri kollha meħtieġa***, inkluż jipprevedu inċentivi finanzjarji jew kumpens għall-parteċipanti fis-suq,*** biex ***jintlaħqu l-miri*** tal-mili ***stabbiliti*** skont l-Artikolu 6a. Meta jiżguraw li ***l-miri*** tal-mili ***jkunu intlaħqu***, ***l*** l-Istati Membri għandhom jagħtu prijorità, meta possibbli, lil miżuri bbażati fuq is-suq.	1. L-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri kollha meħtieġa biex ***jilħqu l-mira*** tal-mili ***stabbilita*** skont l-Artikolu 6a. Meta jiżguraw li ***l-mira*** tal-mili ***tkun intlaħqet***, l-Istati Membri għandhom jagħtu prijorità, meta possibbli, lil miżuri bbażati fuq is-suq.
Sa fejn kwalunkwe miżura ***prevista*** f'dan l-Artikolu tkun dmir ***u-setgħa*** tal-awtorità regolatorja nazzjonali, skont l-Artikolu 41 tad-Direttiva 2009/73/KE, l-awtoritajiet regolatorji nazzjonali għandhom ikunu responsabbli ***għat-teħid*** ta' dawk il-miżuri.	Sa fejn kwalunkwe miżura ***minn dawk previsti*** f'dan l-Artikolu tkun dmir ***u setgħa*** tal-awtorità regolatorja nazzjonali, skont l-Artikolu 41 tad-Direttiva 2009/73/KE, l-awtoritajiet regolatorji nazzjonali għandhom ikunu responsabbli ***mit-teħid*** ta' dawk il-miżuri.
B'mod partikolari, il-miżuri meħuda skont dan il-paragrafu jistgħu jinkludu li:	B'mod partikolari, il-miżuri meħuda skont dan il-paragrafu jistgħu jinkludu li:
(a) il-fornituri tal-gass ***jiġu rikjesti*** jaħżnu volumi minimi ta' gass fil-faċilitajiet tal-ħżin, inkluż fil-faċilitajiet ***tal-ħżin*** ta' gass taħt l-art u/jew f'faċilitajiet tal-ħżin tal-LNG, filwaqt li dawk il-volumi għandhom jiġu ddeterminati abbażi tal-ammont ta' gass fornut mill-fornituri tal-gass lil klijenti protetti;	(a) il-fornituri tal-gass ***ikunu meħtieġa*** jaħżnu volumi minimi ta' gass fil-faċilitajiet tal-ħżin, inkluż fil-faċilitajiet ***ta' ħżin*** ta' gass taħt l-art u/jew f'faċilitajiet tal-ħżin tal-LNG, filwaqt li dawk il-volumi għandhom jiġu ddeterminati abbażi tal-ammont ta' gass fornut mill-fornituri tal-gass lil klijenti protetti;
(b) l-operaturi tas-sistemi tal-ħżin ***jiġu rikjesti*** jiftħu l-kapaċitajiet tagħhom għal	(b) l-operaturi tas-sistemi tal-ħżin ***ikunu meħtieġa*** jiftħu l-kapaċitajiet tagħhom għal

offerti minn parteċipanti fis-suq;

(c) l-operaturi tas-sistemi ta' trażmissjoni jew entitajiet innominati mill-Istat Membru ***jiġu rikjesti*** jixtru u jimmaniġġaw stokk ta' bilanċ esklużivament biex iwettqu l-funzjonijiet tagħhom ta' operaturi ta' sistema ta' trażmissjoni u, fejn meħtieġ, jimponu obbligu fuq entitajiet innominati oħra għal fini ta' salvagwardja tas-sigurtà tal-provvista tal-gass fil-każ ta' xi emerġenza kif imsemmi fl-Artikolu 11(1), il-punt (c);

(d) jintużaw strumenti kkoordinati, bħal pjattaformi għax-xiri tal-LNG, ma' Stati Membri oħra biex jimmassimizzaw l-użu tal-LNG u jnaqqsu l-ostakli tal-infrastruttura u dawk regolatorji għall-użu kondiviż tal-LNG biex jimtlew il-faċilitajiet ***tal-ħżin tal-gass*** taħt l-art;

(e) ***jintuża*** mekkaniżmi volontarji għall-akkwist konġunt tal-gass naturali, li għall-applikazzjoni tagħhom, il-Kummissjoni tista' toħroġ, jekk ikun meħtieġ, gwida sal-1 ta' Awwissu 2022;

(f) jingħataw inċentivi finanzjarji għall-parteċipanti fis-suq, inkluż għall-operaturi ***ta' sistema ta' ħżin***, bħal kuntratti għal differenza jew jingħata kumpens lill-parteċipanti fis-suq għat-telf fl-introjtu jew għall-ispejjeż imġarrba minnhom b'riżultat tal-obbligi fuq il-parteċipanti fis-suq, inkluż l-operaturi ***ta' sistemi ta' ħżin*** li ma jistgħux jiġu koperti mill-introjtu;

(g) id-detenturi tal-kapaċitajiet ta' ħżin ***jiġu rikjesti*** jużaw jew jirrilaxxaw kapaċitajiet riżervati li ma ntużawx, filwaqt li d-detentur tal-kapaċità ***tal-ħżin*** li ma jużax il-kapaċità ***tal-ħżin*** xorta jiġi obbligat iħallas il-prezz maqbul għat-terminu sħiħ tal-kuntratt tal-ħżin;

(h) jiġu adottati strumenti effettivi għax-xiri u l-immaniġġar tal-kapaċità tal-ħżin strateġiku minn entitajiet pubbliċi jew privati, dment li tali strumenti ma jfixklux il-kompetizzjoni jew il-funzjonament tajjeb tas-suq intern;

offerti minn parteċipanti fis-suq;

(c) l-operaturi tas-sistemi ta' trażmissjoni jew entitajiet innominati mill-Istat Membru ***jkunu meħtieġa*** jixtru u jimmaniġġaw stokk ta' bilanċ esklużivament biex iwettqu l-funzjonijiet tagħhom ta' operaturi ta' sistema ta' trażmissjoni u, fejn meħtieġ, jimponu obbligu fuq entitajiet innominati oħra għal fini ta' salvagwardja tas-sigurtà tal-provvista tal-gass fil-każ ta' xi emerġenza kif imsemmi fl-Artikolu 11(1), il-punt (c);

(d) jintużaw strumenti kkoordinati, bħal pjattaformi għax-xiri tal-LNG, ma' Stati Membri oħra biex jimmassimizzaw l-użu tal-LNG u jnaqqsu l-ostakli tal-infrastruttura u dawk regolatorji għall-użu kondiviż tal-LNG biex jimtlew il-faċilitajiet ***ta' ħżin ta' gass*** taħt l-art;

(e) ***jintużaw*** mekkaniżmi volontarji għall-akkwist konġunt tal-gass naturali, li għall-applikazzjoni tagħhom, il-Kummissjoni tista' toħroġ, jekk ikun meħtieġ, gwida sal-1 ta' Awwissu 2022;

(f) jingħataw inċentivi finanzjarji għall-parteċipanti fis-suq, inkluż għall-operaturi ***tas-sistema tal-ħżin***, bħal kuntratti għal differenza jew jingħata kumpens lill-parteċipanti fis-suq għat-telf fl-introjtu jew għall-ispejjeż imġarrba minnhom b'riżultat tal-obbligi fuq il-parteċipanti fis-suq, inkluż l-operaturi ***tas-sistemi tal-ħżin*** li ma jistgħux jiġu koperti mill-introjtu;

(g) id-detenturi tal-kapaċitajiet ta' ħżin ***ikunu meħtieġa*** jużaw jew jirrilaxxaw kapaċitajiet riżervati li ma ntużawx, filwaqt li d-detentur tal-kapaċità ***ta' ħżin*** li ma jużax il-kapaċità ***ta' ħżin*** xorta jiġi obbligat iħallas il-prezz maqbul għat-terminu sħiħ tal-kuntratt tal-ħżin;

(h) jiġu adottati strumenti effettivi għax-xiri u l-immaniġġar tal-kapaċità tal-ħżin strateġiku minn entitajiet pubbliċi jew privati, dment li tali strumenti ma jfixklux il-kompetizzjoni jew il-funzjonament tajjeb tas-suq intern;

(i) tinħatar entità ddedikata li tingħata l-kompitu li tilħaq il-mira tal-mili f'każ li l-mira tal-mili ma tintlaħaqx mod ieħor;	(i) tinħatar entità ddedikata li tingħata l-kompitu li tilħaq il-mira tal-mili f'każ li l-mira tal-mili ma tintlaħaqx mod ieħor;
(j) jingħataw skontijiet fuq tariffi tal-ħżin;	(j) jingħataw skontijiet fuq tariffi tal-ħżin;
(k) jinġabar l-introjtu meħtieġ biex jiġi rkuprat l-infiq kapitali u operazzjonali relatat mal-faċilitajiet tal-ħżin regolati bħala tariffi tal-ħżin u bħala imposta ddedikata inkorporata fit-tariffi tat-trażmissjoni li jinġabru biss minn punti ta' ħruġ għall-klijenti finali li jinsabu fl-istess Stati Membri dment li l-introjtu miġbur permezz tat-tariffi ma jkunx akbar mill-introjtu permess.	(k) jinġabar l-introjtu meħtieġ biex jiġi rkuprat l-infiq kapitali u operazzjonali relatat mal-faċilitajiet tal-ħżin regolati bħala tariffi tal-ħżin u bħala imposta ddedikata inkorporata fit-tariffi tat-trażmissjoni li jinġabru biss minn punti ta' ħruġ għall-klijenti finali li jinsabu fl-istess Stati Membri dment li l-introjtu miġbur permezz tat-tariffi ma jkunx akbar mill-introjtu permess.
2. Il-miżuri li jittieħdu mill-Istati Membri skont il-paragrafu 1 ***għandu jkun limitat*** għal dak li huwa meħtieġ biex ***jintlaħqu t-trajettorji għall-mili u l-miri*** tal-mili. Għandhom ikunu definiti b'mod ċar, trasparenti, proporzjonati, nondiskriminatorji u verifikabbli. Ma għandhomx ***jfixklu*** bla bżonn il-kompetizzjoni jew il-funzjonament tajjeb tas-suq intern tal-gass jew jipperikolaw is-sigurtà tal-provvista tal-gass ta' Stati Membri oħrajn jew tal-Unjoni.	2. Il-miżuri li jittieħdu mill-Istati Membri skont il-paragrafu 1 ***għandhom ikunu limitati*** għal dak li huwa meħtieġ biex ***tintlaħaq il-mira*** tal-mili. Għandhom ikunu definiti b'mod ċar, trasparenti, proporzjonati, nondiskriminatorji u verifikabbli. Ma għandhomx ***ifixklu*** bla bżonn il-kompetizzjoni jew il-funzjonament tajjeb tas-suq intern tal-gass***, iżidu bla bżonn l-ispejjeż tal-enerġija*** jew jipperikolaw is-sigurtà tal-provvista tal-gass ta' Stati Membri oħrajn jew tal-Unjoni. ***L-Istati Membri għandhom jinfurmaw lill-Kummissjoni u lill-GCG bi kwalunkwe miżura tali.***
3. L-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri kollha meħtieġa biex jiżguraw ***li*** l-użu tal-infrastruttura eżistenti fil-livell nazzjonali u reġjonali għall-benefiċċju tas-sigurtà tal-provvista tal-gass b'mod effiċjenti. Dawk il-miżuri ma għandhom taħt l-ebda ċirkostanza jimblukkaw jew jirrestringu l-użu transfruntier tal-faċilitajiet ***ta' ħżin*** jew tal-faċilitajiet tal-LNG u ma għandhomx jillimitaw il-kapaċitajiet ta' trażmissjoni transfruntiera f'konformità mar-Regolament tal-Kummissjoni (UE) 2017/459([3]).	3. L-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri kollha meħtieġa biex jiżguraw l-użu tal-infrastruttura eżistenti fil-livell nazzjonali u reġjonali għall-benefiċċju tas-sigurtà tal-provvista tal-gass b'mod effiċjenti. Dawk il-miżuri ma għandhom taħt l-ebda ċirkostanza jimblukkaw jew jirrestringu l-użu transfruntier tal-faċilitajiet ***tal-ħżin*** jew tal-faċilitajiet tal-LNG u ma għandhomx jillimitaw il-kapaċitajiet ta' trażmissjoni transfruntiera ***allokati*** f'konformità mar-Regolament tal-Kummissjoni (UE) 2017/459 (3).
4. Meta jieħdu miżuri skont dan l-Artikolu, l-Istati Membri għandhom japplikaw il-prinċipju li l-effiċjenza fl-użu tal-enerġija tiġi l-ewwel filwaqt li xorta jiksbu l-objettivi tal-miżuri rispettivi	4. Meta jieħdu miżuri skont dan l-Artikolu, l-Istati Membri għandhom japplikaw il-prinċipju li l-effiċjenza fl-użu tal-enerġija tiġi l-ewwel filwaqt li xorta jiksbu l-objettivi tal-miżuri rispettivi tagħhom,

tagħhom, f'konformità mar-Regolament (UE) 2018/1999 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([4]).

f'konformità mar-Regolament (UE) 2018/1999 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (4).

Or. en

Emenda 22
Borys Budka

Emenda ta' kompromess li tissostitwixxi l-Emenda/i: x

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1
Artikolu 6c
Regolament (UE) 2017/1938

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(4) L-Artikolu 6c huwa sostitwit b'dan li ġej:
Artikolu 6c	Artikolu 6c
Arranġamenti ta' ħżin u mekkaniżmu għall-kondiviżjoni tal-piżijiet	Arranġamenti ta' ħżin u mekkaniżmu għall-kondiviżjoni tal-piżijiet
1. ***Stati*** Membru mingħajr faċilitajiet ***tal-ħżin tal-gass*** taħt l-art għandu jiżgura li l-parteċipanti fis-suq ***jkollhom*** fis-seħħ arranġamenti ma' operaturi tas-sistema tal-ħżin taħt l-art jew ma' parteċipanti oħra fis-suq fl-Istati Membri b'faċilitajiet ***tal-ħżin tal-gass*** taħt l-art. Dawk l-arranġamenti għandhom jipprevedu l-użu, sal-1 ta' ***Novembru***, tal-volumi tal-ħżin li jikkorrispondu għal mill-inqas 15 % tal-konsum annwali medju tal-gass matul il-ħames snin preċedenti tal-Istat Membru mingħajr faċilitajiet ***tal-ħżin tal-gass*** taħt l-art. Madanakollu, meta l-kapaċità ta' trażmissjoni transfruntiera jew limitazzjonijiet tekniċi oħra jipprevjenu lil Stat Membru mingħajr faċilitajiet ***tal-ħżin tal-gass*** taħt l-art milli juża bis-sħiħ 15 % ta' dawk il-volumi tal-ħżin, dak l-Istat Membru għandu jaħżen biss dawk il-volumi li huma teknikament possibbli.	1. ***Stat*** Membru mingħajr faċilitajiet ***ta' ħżin ta' gass*** taħt l-art għandu jiżgura li l-parteċipanti fis-suq ***ikollhom*** fis-seħħ arranġamenti ma' operaturi tas-sistema tal-ħżin taħt l-art jew ma' parteċipanti oħra fis-suq fl-Istati Membri b'faċilitajiet ***ta' ħżin ta' gass*** taħt l-art. Dawk l-arranġamenti għandhom jipprevedu l-użu, sal-1 ta' ***Diċembru***, tal-volumi tal-ħżin li jikkorrispondu għal mill-inqas 15 % tal-konsum annwali medju tal-gass matul il-ħames snin preċedenti tal-Istat Membru mingħajr faċilitajiet ***ta' ħżin ta' gass*** taħt l-art. Madanakollu, meta l-kapaċità ta' trażmissjoni transfruntiera jew limitazzjonijiet tekniċi oħra jipprevjenu lil Stat Membru mingħajr faċilitajiet ***ta' ħżin ta' gass*** taħt l-art milli juża bis-sħiħ 15 % ta' dawk il-volumi tal-ħżin, dak l-Istat Membru għandu jaħżen biss dawk il-volumi li huma teknikament possibbli.
F'każ li l-limitazzjonijiet tekniċi jħallux lil	F'każ li l-limitazzjonijiet tekniċi ***ma***

Stat Membru jikkonforma mal-obbligu stabbilit fl-ewwel subparagrafu, u dak l-Istat Membru jkollu fis-seħħ obbligu li jaħżen fjuwils oħra biex ***jissostitwixxi*** l-gass, l-obbligu stipulat fl-ewwel subparagrafu jista' eċċezzjonalment jiġi ssodisfat b'obbligu ekwivalenti li jinħażnu fjuwils minbarra l-gass. Il-limitazzjonijiet tekniċi u l-ekwivalenza tal-miżura għandhom jintwerew mill-Istat Membru kkonċernat.	jħallux lil Stat Membru jikkonforma mal-obbligu stabbilit fl-ewwel subparagrafu, u dak l-Istat Membru jkollu fis-seħħ obbligu li jaħżen fjuwils oħra biex ***jissostitwixxu*** l-gass, l-obbligu stipulat fl-ewwel subparagrafu jista' eċċezzjonalment jiġi ssodisfat b'obbligu ekwivalenti li jinħażnu fjuwils minbarra l-gass. Il-limitazzjonijiet tekniċi u l-ekwivalenza tal-miżura għandhom jintwerew mill-Istat Membru kkonċernat.
2. B'deroga mill-paragrafu 1, Stat Membru mingħajr faċilitajiet ***tal-ħżin*** taħt l-art jista' jiżviluppa mekkaniżmu għall-kondiviżjoni tal-piżijiet ma' Stat Membru wieħed jew aktar b'faċilitajiet ***tal-ħżin tal-gass*** taħt l-art (il-mekkaniżmu għall-kondiviżjoni tal-piżijiet).	2. B'deroga mill-paragrafu 1, Stat Membru mingħajr faċilitajiet ***ta' ħżin ta' gass*** taħt l-art jista' jiżviluppa mekkaniżmu għall-kondiviżjoni tal-piżijiet ma' Stat Membru wieħed jew aktar b'faċilitajiet ***ta' ħżin ta' gass*** taħt l-art (il-mekkaniżmu għall-kondiviżjoni tal-piżijiet).
Il-mekkaniżmu għall-kondiviżjoni tal-piżijiet għandu jkun ibbażat fuq id-data rilevanti mill-aħħar valutazzjoni tar-riskju skont l-Artikolu 7 u għandu jqis il-parametri kollha li ġejjin:	Il-mekkaniżmu għall-kondiviżjoni tal-piżijiet għandu jkun ibbażat fuq id-data rilevanti mill-aħħar valutazzjoni tar-riskju skont l-Artikolu 7 u għandu jqis il-parametri kollha li ġejjin:
(a) il-kost tal-appoġġ finanzjarju biex tintlaħaq il-mira tal-mili bl-esklużjoni tal-ispejjeż biex jintlaħaq kwalunkwe obbligu ta' ħżin strateġiku;	(a) il-kost tal-appoġġ finanzjarju biex tintlaħaq il-mira tal-mili bl-esklużjoni tal-ispejjeż biex jintlaħaq kwalunkwe obbligu ta' ħżin strateġiku;
(b) il-volumi ta' gass meħtieġa biex jissodisfaw id-domanda tal-klijenti protetti f'konformità mal-Artikolu 6(1);	(b) il-volumi ta' gass meħtieġa biex jissodisfaw id-domanda tal-klijenti protetti f'konformità mal-Artikolu 6(1);
(c) kwalunkwe ***limitazzjonijiet*** teknika, ***inkluż il-kapaċità*** ta' ħżin disponibbli taħt l-art, il-kapaċità teknika ta' trażmissjoni transfruntiera**,** u r-rati tal-irtirar.	(c) kwalunkwe ***limitazzjoni*** teknika, ***inklużi l-kapaċità*** ta' ħżin disponibbli taħt l-art, il-kapaċità teknika ta' trażmissjoni transfruntiera u r-rati tal-irtirar.
L-Istati Membri għandhom jinnotifikaw il-kondiviżjoni tal-piżijiet lill-Kummissjoni sat-2 ta' Settembru 2022. Fin-nuqqas ta' ***ftehim dwar mekkaniżmu għall-kondiviżjoni tal-piżijiet sa dik id-data, l-Istati Membri mingħajr faċilitajiet tal-ħżin tal-gass*** taħt l-art għandhom juru li jikkonformaw mal-paragrafu 1 u għandhom jinnotifikaw lill-Kummissjoni ***b'dan***.	L-Istati Membri ***mingħajr faċilitajiet*** ta' ***ħżin*** ta' ***gass*** taħt l-art għandhom juru li jikkonformaw mal-paragrafu 1 u għandhom jinnotifikaw lill-Kummissjoni ***skont dan***.
3. Bħala miżura tranżitorja, Stati Membri mingħajr faċilitajiet tal-ħżin tal-gass taħt l-	3. Bħala miżura tranżitorja, Stati Membri mingħajr faċilitajiet ***ta' ħżin ta' gass*** taħt l-

art iżda li jkollhom faċilitajiet tal-ħżin tal-gass taħt l-art inklużi fl-aħħar lista ta' proġetti ta' interess komuni imsemmija fir-Regolament (UE) 2022/869 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, jistgħu jikkonformaw parzjalment mal-paragrafu 1 billi jgħoddu l-istokkijiet tal-LNG fl-Unitajiet Galleġġjanti tal-Ħażna eżistenti, sal-mument meta l-faċilitajiet tal-ħżin tal-gass taħt l-art tagħhom ikunu operattivi ([5]) jistgħu jikkonformaw parzjalment mal-paragrafu 1 billi jgħoddu l-istokkijiet tal-LNG fl-Unitajiet Galleġġjanti ***tal-Ħażna*** eżistenti, sal-mument meta l-faċilitajiet ***tal-ħżin tal-gass*** taħt l-art tagħhom ikunu operattivi.

art***,*** iżda li jkollhom faċilitajiet ***ta' ħżin ta' gass*** taħt l-art inklużi fl-aħħar lista ta' proġetti ta' interess komuni ***msemmija*** fir-Regolament (UE) 2022/869 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ***(5)***, jistgħu jikkonformaw parzjalment mal-paragrafu 1 billi jgħoddu l-istokkijiet tal-LNG fl-unitajiet galleġġjanti ***tal-ħżin*** eżistenti, sal-mument meta l-faċilitajiet ***ta' ħżin ta' gass*** taħt l-art tagħhom ikunu operattivi.

4. L-Istati Membri mingħajr faċilitajiet ***tal-ħżin tal-gass*** taħt l-art jistgħu jipprovdu inċentivi jew kumpens finanzjarju lill-parteċipanti fis-suq jew ***operaturi*** tas-sistema ta' trażmissjoni, kif rilevanti, għan-nuqqas fid-dħul, jew għall-kostijiet imġarrba minnhom, b'riżultat tal-konformità tagħhom mal-obbligi ta' ħżin tagħhom skont dan l-Artikolu, fejn tali nuqqas jew tali kost***, li*** ma jistgħux jiġu koperti minn dħul, sabiex tiġi żgurata l-konformità mal-obbligu tagħhom li jaħżnu l-gass fi Stati Membri oħra skont il-paragrafu 1 jew l-implimentazzjoni tal-mekkaniżmu ***ta' kondiviżjoni*** tal-piżijiet. Jekk l-inċentiv jew il-kumpens finanzjarju ***ikun*** iffinanzjat permezz ta' imposta, dik l-imposta ma għandhiex tiġi applikata għall-punti ta' interkonnessjoni transfruntiera.

4. L-Istati Membri mingħajr faċilitajiet ***ta' ħżin ta' gass*** taħt l-art jistgħu jipprovdu inċentivi jew kumpens finanzjarju lill-parteċipanti fis-suq jew ***lill-operaturi*** tas-sistema ta' trażmissjoni, kif rilevanti, għan-nuqqas fid-dħul, jew għall-kostijiet imġarrba minnhom, b'riżultat tal-konformità tagħhom mal-obbligi ta' ħżin tagħhom skont dan l-Artikolu, fejn tali nuqqas jew tali kost ma jistgħux jiġu koperti minn dħul, sabiex tiġi żgurata l-konformità mal-obbligu tagħhom li jaħżnu l-gass fi Stati Membri oħra skont il-paragrafu 1 jew l-implimentazzjoni tal-mekkaniżmu ***għall-kondiviżjoni*** tal-piżijiet. Jekk l-inċentiv jew il-kumpens finanzjarju ***jkun*** iffinanzjat permezz ta' imposta, dik l-imposta ma għandhiex tiġi applikata għall-punti ta' interkonnessjoni transfruntiera.

5. Minkejja l-paragrafu 1, fejn Stat Membru ***għandu*** faċilitajiet ***tal-ħżin tal-gass*** taħt l-art li jkunu jinsabu ***fit-territorju*** tiegħu u l-kapaċità aggregata ta' dawk il-faċilitajiet tkun akbar mill-konsum annwali tal-gass ta' dak l-Istat Membru, l-Istati Membri mingħajr faċilitajiet ta' ħżin ***tal-gass*** taħt l-art li jkollhom aċċess għal dawk il-faċilitajiet għandhom:

5. Minkejja l-paragrafu 1, fejn Stat Membru ***jkollu*** faċilitajiet ***ta' ħżin ta' gass*** taħt l-art li jkunu jinsabu ***fuq it-territorju*** tiegħu u l-kapaċità aggregata ta' dawk il-faċilitajiet tkun akbar mill-konsum annwali tal-gass ta' dak l-Istat Membru, l-Istati Membri mingħajr faċilitajiet ta' ħżin ***ta' gass*** taħt l-art li jkollhom aċċess għal dawk il-faċilitajiet għandhom ***jew***:

(a) jiżguraw li, sal-1 ta' ***Novembru***, il-volumi tal-ħżin jikkorrispondu mill-inqas għall-użu medju tal-kapaċità ***ta'*** ħżin matul

(a) jiżguraw li, sal-1 ta' ***Diċembru***, il-volumi tal-ħżin jikkorrispondu mill-inqas għall-użu medju tal-kapaċità ta' ħżin matul

il-ħames snin preċedenti, determinati, *inter alia*, billi jitqiesu l-flussi matul l-istaġun tal-irtirar matul il-ħames snin preċedenti mill-Istati Membri fejn ikunu jinsabu l-faċilitajiet tal-ħżin; ***jew***	il-ħames snin preċedenti, determinati, *inter alia*, billi jitqiesu l-flussi matul l-istaġun tal-irtirar matul il-ħames snin preċedenti mill-Istati Membri fejn ikunu jinsabu l-faċilitajiet tal-ħżin; ***inkella***
(b) juru li kapaċità ta' ħżin ekwivalenti għall-volum kopert mill-obbligu taħt il-punt (a) tkun ġiet riżervata.	(b) juru li kapaċità ta' ħżin ekwivalenti għall-volum kopert mill-obbligu taħt il-punt (a) tkun ġiet riżervata.
Jekk l-Istat Membru mingħajr faċilitajiet ***tal-ħżin tal-gass*** taħt l-art jkun jista' juri li l-kapaċità ta' ħżin ekwivalenti għall-volum kopert mill-obbligu taħt il-punt (a) tal-ewwel subparagrafu ġiet riżervata, għandu japplika l-paragrafu 1.	Jekk l-Istat Membru mingħajr faċilitajiet ***ta' ħżin ta' gass*** taħt l-art jkun jista' juri li l-kapaċità ta' ħżin ekwivalenti għall-volum kopert mill-obbligu taħt il-punt (a) tal-ewwel subparagrafu ġiet riżervata, għandu japplika l-paragrafu 1.
L-obbligu taħt dan il-paragrafu għandu jkun limitat għal 15 % tal-konsum annwali medju tal-gass matul ***iil-ħames*** snin preċedenti fl-Istat Membru kkonċernat.	L-obbligu taħt dan il-paragrafu għandu jkun limitat għal 15 % tal-konsum annwali medju tal-gass matul ***il-ħames*** snin preċedenti fl-Istat Membru kkonċernat.
6. Sakemm ma jkunx speċifikat mod ieħor fl-Anness Ib, fil-każ ta' faċilitajiet ***tal-ħżin tal-gass*** taħt l-art li jinsabu fi Stat Membru wieħed li ma jkunux koperti mill-paragrafu 5 iżda li jkunu konnessi direttament maż-żona tas-suq ta' Stat Membru ieħor, dak l-Istat Membru l-ieħor għandu jiżgura li***, sal-*** 1 ta' ***Novembru, il-volumi*** tal-ħżin jikkorrispondu ma' tal-inqas il-medja tal-kapaċità ta' ħżin riżervata fil-punt transfruntier rilevanti matul il-ħames snin preċedenti.	6. Sakemm ma jkunx speċifikat mod ieħor fl-Anness Ib, fil-każ ta' faċilitajiet ***ta' ħżin ta' gass*** taħt l-art li jinsabu fi Stat Membru wieħed li ma jkunux koperti mill-paragrafu 5 iżda li jkunu konnessi direttament maż-żona tas-suq ta' Stat Membru ieħor, dak l-Istat Membru l-ieħor għandu jiżgura li ***bejn l-1 ta' Ottubru u l-***1 ta' ***Diċembru l-volumi*** tal-ħżin jikkorrispondu ma' tal-inqas il-medja tal-kapaċità ta' ħżin riżervata fil-punt transfruntier rilevanti matul il-ħames snin preċedenti.

Or. en

Emenda 23
Borys Budka

Emenda ta' kompromess li tissostitwixxi l-Emenda/i: x

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1
Artikolu 6d
Regolament (UE) 2017/1938

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(5) L-Artikolu 6d huwa sostitwit b'dan li ġej:
Artikolu 6d	Artikolu 6d
Monitoraġġ u infurzar	Monitoraġġ u infurzar
1. L-operaturi tas-sistema ta' ħżin għandhom jirrapportaw il-livell ta' mili lill-awtorità kompetenti f'kull Stat Membru fejn ikunu jinsabu l-faċilitajiet ***tal-ħżin*** ta' gass taħt l-art ikkonċernati u, jekk applikabbli, lil entità nominata minn dak l-Istat Membru ("l-entità nominata") kif ***ġej:***	1. L-operaturi tas-sistema ta' ħżin għandhom jirrapportaw il-livell ta' mili lill-awtorità kompetenti f'kull Stat Membru fejn ikunu jinsabu l-faċilitajiet ***ta' ħżin*** ta' gass taħt l-art ikkonċernati u, jekk applikabbli, lil entità nominata minn dak l-Istat Membru ("l-entità nominata") kif ***stabbilit skont l-Artikolu 6a.***
(a) għall-2022: dwar kull waħda mill-miri intermedji stabbiliti fl-Anness Ia; u	
(b) mill-2023: kif stabbilit skont l-Artikolu 6a(7).	
2. L-awtorità kompetenti, u jekk applikabbli, l-entità nominata minn kull Stat Membru għandhom jimmonitorjaw il-livelli tal-mili tal-faċilitajiet ***tal-ħżin tal-gass*** taħt l-art fit-territorju tagħhom fl-aħħar ta' kull xahar u jirrapportaw ir-riżultati lill-Kummissjoni mingħajr dewmien ***żejjed***.	2. L-awtorità kompetenti, u jekk applikabbli, l-entità nominata minn kull Stat Membru għandhom jimmonitorjaw il-livelli tal-mili tal-faċilitajiet ***ta' ħżin ta' gass*** taħt l-art fit-territorju tagħhom fl-aħħar ta' kull xahar u jirrapportaw ***kull xahar*** ir-riżultati lill-Kummissjoni mingħajr ***ebda*** dewmien***. L-awtorità kompetenti għandha tinkludi wkoll informazzjoni dwar is-sehem tal-gass Russu li jkun qed jinħażen f'dak l-Istat Membru, meta disponibbli.***
Fejn xieraq, il-Kummissjoni tista' tistieden lill-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għall-Kooperazzjoni tar-Regolaturi tal-Enerġija (ACER) biex tassisti b'tali monitoraġġ.	Fejn xieraq, il-Kummissjoni tista' tistieden lill-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għall-Kooperazzjoni tar-Regolaturi tal-Enerġija (ACER) biex tassisti b'tali monitoraġġ.
3. Abbażi tal-informazzjoni pprovduta mill-awtorità kompetenti u, jekk applikabbli, l-entità nominata ta' kull Stat Membru, il-Kummissjoni għandha tirrapporta regolarment lill-GCG.	3. Abbażi tal-informazzjoni pprovduta mill-awtorità kompetenti u, jekk applikabbli, l-entità nominata ta' kull Stat Membru, il-Kummissjoni għandha tirrapporta regolarment lill-GCG.
4. Il-GCG għandu jassisti lill-Kummissjoni fil-monitoraġġ ***tat-trajettorji għall-mili u l-miri*** tal-mili, u għandu jiżviluppa gwida għall-Kummissjoni dwar miżuri adegwati biex ***tiġi żgurata l-***	4. Il-GCG għandu jassisti lill-Kummissjoni fil-monitoraġġ ***tal-mira*** tal-mili, u għandu jiżviluppa gwida għall-Kummissjoni dwar miżuri adegwati biex ***jiġi żgurat allinjament aħjar*** f'każ li ***r-rati tal-mili***

konformità f'każ li ***l-Istati*** Membri ***jiddevjaw mit-trajettorji għall-mili*** jew ***ma jilħqux il-miri*** tal-mili.	***tal-Istati*** Membri ***jikkompromettu l-ilħuq tal-mira tal-mili,*** jew ***biex tiġi żgurata l-konformità mal-mira*** tal-mili.
	4a. Meta xieraq, il-Kummissjoni għandha timplimenta miżuri li jgħinu lill-Istati Membri jilħqu l-mira tal-mili, inklużi miżuri li jħeġġu l-parteċipazzjoni fix-xiri konġunt permezz tal-pjattaforma AggregateEU.
5. L-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri meħtieġa biex jilħqu ***t-trajettorji għall-mili u l-miri*** tal-mili u biex jinfurzaw ***fuq il-parteċipanti fis-suq*** l-obbligi tal-ħżin ***li huma meħtieġa biex jilħquhom, inkluż billi jimponu*** sanzjonijiet u multi deterrenti biżżejjed ***fuq dawk il-parteċipanti fis-suq***.	5. L-Istati Membri ***u, meta xieraq, il-Kummissjoni*** għandhom jieħdu l-miżuri meħtieġa biex jilħqu ***l-mira*** tal-mili u biex jinfurzaw l-obbligi tal-ħżin ***fuq il-parteċipanti fis-suq. Dawn il-miżuri jistgħu jinkludu*** sanzjonijiet u multi deterrenti biżżejjed***, bħal penali finanzjarji adegwati***.
L-Istati Membri għandhom jinfurmaw mingħajr dewmien lill-Kummissjoni dwar il-miżuri tal-infurzar meħuda skont dan il-paragrafu.	
6. Meta tkun ***ser*** tiġi skambjata informazzjoni kummerċjalment sensittiva, il-Kummissjoni tista' ssejjaħ laqgħat tal-GCG li jkunu ristretti għaliha u għall-Istati Membri.	6. Meta tkun ***se*** tiġi skambjata informazzjoni kummerċjalment sensittiva, il-Kummissjoni tista' ssejjaħ laqgħat tal-GCG li jkunu ristretti għaliha u għall-Istati Membri.
7. Kwalunkwe informazzjoni skambjata għandha tkun limitata għal dak li jkun neċessarju għall-fini tal-monitoraġġ tal-konformità ma' dan ir-Regolament.	7. Kwalunkwe informazzjoni skambjata għandha tkun limitata għal dak li jkun neċessarju għall-fini tal-monitoraġġ tal-konformità ma' dan ir-Regolament.
Il-Kummissjoni, l-awtoritajiet regolatorji nazzjonali u l-Istati Membri għandhom iżommu l-kunfidenzjalità ta' informazzjoni kummerċjalment sensittiva riċevuta għall-finijiet tat-twettiq tal-obbligi tagħhom.	Il-Kummissjoni, l-awtoritajiet regolatorji nazzjonali u l-Istati Membri għandhom iżommu l-kunfidenzjalità ta' informazzjoni kummerċjalment sensittiva riċevuta għall-finijiet tat-twettiq tal-obbligi tagħhom.

Or. en

Emenda 24
Borys Budka

Emenda ta' kompromess li tissostitwixxi l-Emenda/i: x

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1
Artikolu 17a
Regolament (UE) 2017/1938

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(6) L-Artikolu 17a huwa sostitwit b'dan li ġej:
Artikolu 17a	Artikolu 17a
Rapportar mill-Kummissjoni	Rapportar mill-Kummissjoni
1. Sat-28 ta' Frar 2023, u annwalment minn hemm 'il quddiem, il-Kummissjoni għandha tippreżenta rapporti lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill, li jkun fihom:	1. Sat-28 ta' Frar 2023, u annwalment minn hemm 'il quddiem, il-Kummissjoni għandha tippreżenta rapporti lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill, li jkun fihom:
(a) ħarsa ġenerali lejn il-miżuri meħuda mill-Istati Membri biex jissodisfaw l-obbligi tal-ħżin;	(a) ħarsa ġenerali lejn il-miżuri meħuda mill-Istati Membri biex jissodisfaw l-obbligi tal-ħżin;
(b) ħarsa ġenerali lejn iż-żmien meħtieġ għall-proċedura ta' ċertifikazzjoni stabbilita fl-Artikolu 3a tar-Regolament (KE) Nru 715/2009;,	(b) ħarsa ġenerali lejn iż-żmien meħtieġ għall-proċedura ta' ċertifikazzjoni stabbilita fl-Artikolu 3a tar-Regolament (KE) Nru 715/2009;
(c) ħarsa ġenerali lejn il-miżuri mitluba mill-Kummissjoni sabiex tiġi żgurata l-konformità mat-trajettorji għall-mili u l-miri tal-mili;	(c) ħarsa ġenerali lejn il-miżuri mitluba mill-Kummissjoni sabiex tiġi żgurata l-konformità mat-trajettorji għall-mili u l-miri tal-mili;
(d) analiżi tal-effetti potenzjali ta' dan ir-Regolament fuq il-prezzijiet tal-gass u l-iffrankar potenzjali tal-gass fir-rigward tal-Artikolu 6b(4).	(d) analiżi tal-effetti potenzjali ta' dan ir-Regolament fuq il-prezzijiet tal-gass u l-iffrankar potenzjali tal-gass fir-rigward tal-Artikolu 6b(4);
	(da) l-informazzjoni dwar is-sehem tal-gass Russu maħżun fil-ħażniet tal-UE, ippruvduta mill-Istati Membri f'konformità mal-Artikolu 6d(2).

Or. en

Emenda 25
Borys Budka

Emenda ta' kompromess li tissostitwixxi l-Emenda/i: x

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1
Artikolu 22
Regolament (UE) 2017/1938

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(7) L-Artikolu 22 huwa sostitwit b'dan li ġej
Artikolu 22	Artikolu 22
Dħul fis-seħħ	Dħul fis-seħħ
Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fir-raba' jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.	Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fir-raba' jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.
Huwa għandu japplika mill-1 ta' Novembru 2017.	Għandu japplika mill-1 ta' Novembru 2017.
Madankollu, l-Artikolu 13(1) sa (6), l-ewwel u t-tieni subparagrafi tal-Artikolu 13(8), u l-Artikolu 13(14) u (15) għandhom japplikaw mill-1 ta' Diċembru 2018.	Madankollu, l-Artikolu 13(1) sa (6), l-ewwel u t-tieni subparagrafi tal-Artikolu 13(8), u l-Artikolu 13(14) u (15) għandhom japplikaw mill-1 ta' Diċembru 2018.
L-Artikolu 2, il-punti (27) sa (31), l-Artikoli 6a sa 6d, l-Artikolu 16(3), l-Artikolu 17a, l-Artikolu 18a, l-Artikolu 20(4), u ***l-Annessi Ia u*** Ib għandhom japplikaw sal-31 ta' Diċembru ***2025***.	L-Artikolu 2, il-punti (27) sa (31), l-Artikoli 6a sa 6d, l-Artikolu 16(3), l-Artikolu 17a, l-Artikolu 18a, l-Artikolu 20(4), u ***l-Anness*** Ib għandhom japplikaw sal-31 ta' Diċembru ***2027***.
Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.	

Or. en

Emenda 26
Borys Budka

Emenda ta' kompromess li tissostitwixxi l-Emenda/i: x

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1
Anness Ia
Regolament (UE) 2017/1938

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(8) L-Anness Ia jitħassar.

Or. en

Emenda 27
Borys Budka

Emenda ta' kompromess li tissostitwixxi l-Emenda/i: x

Proposta għal regolament
Artikolu 2 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ ***l-għada tal-jum*** tal-pubblikazzjoni tiegħu f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.	Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ ***u għandu japplika fil-jum wara dak*** tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Or. en